

Brussell, 11 ta' Mejju 2017
(OR. en)

9080/17

FREMP 58	COPEN 141
JAI 411	EJUSTICE 62
COHOM 60	FRONT 210
CATS 42	GENVAL 54
CULT 59	INF 90
EDUC 179	DAPIX 178
EMCO 4	SAN 193
SOC 332	ANTIDISCRIM 22
COSI 97	DROIPEN 59
VISA 168	TELECOM 114
SCHENGEN 19	TRANS 175
COMPET 332	JEUN 63
COCON 12	JUSTCIV 105

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	11 ta' Mejju 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	8028/1/17 REV 1
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport tal-2017 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE (adozzjoni fil-11 ta' Mejju 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport tal-2017 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE adottati mill-Kunsill fit-3533 laqgħa tiegħu li saret fil-11 ta' Mejju 2017.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport tal-2017 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE***1. Introduzzjoni***

Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, fosthom id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi it-tolleranza u r-rispett għad-diversità kulturali u lingwistika jsaħħu l-istil ta' ħajja Ewropew u huma kruċjali fit-tfassil tal-identità Ewropea.

Iċ-ċittadinanza tal-UE hi parti essenzjali tal-identità Ewropea. F'dan l-isfond, il-Kunsill itenni l-konklużjonijiet tiegħu tal-2013¹. Il-promozzjoni, il-ħarsien u t-tisħiħ tad-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE jibqgħu prijoritajiet ewlenin għall-UE, li jenħtieġ li jissaħħu.

Il-Kunsill jilqa' l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet stipulati fir-Rapport tal-2013 dwar iċ-Ċittadinanza u jirrikonoxxi l-isforzi li saru mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri biex jippromwovu l-valuri komuni tal-UE dwar id-drittijiet u s-solidarjetà bejn l-Ewropej, waqt li jrawmu l-fiduċja taċ-ċittadini Ewropej fil-proġett Ewropew komuni.

Il-Kunsill jilqa' r-Rapport tal-2017 tal-Kummissjoni dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE² bħala pjan direzzjonali għall-perijodu 2017-2019 u b'mod partikolari jenfasizza l-prijoritajiet li ġejjin:

- a) il-promozzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE u l-valuri komuni tal-UE, inkluż permezz ta' kampanja mifruxa ta' sensibilizzazzjoni;
- b) iż-żieda u t-titjib tal-parteciġazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-UE;
- c) is-simplifikazzjoni tal-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tal-UE, speċjalment bit-tneħħija tal-ostakli legali, proċedurali u teknoloġiċi; u

¹ Dok. 16187/13.

² Dok. 5549/17 REV1.

d) it-tisħiħ tas-sigurtà u l-promozzjoni tal-ugwaljanza, u l-protezzjoni għal kulħadd fl-UE mid-diskriminazzjoni.

2. Il-Kunsill jenfasizza l-fatt li l-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri kollha għandhom jingħaqdu fil-kisba ta' dawn l-oġġettivi, għaliex l-iżgurar fil-prattika tad-drittijiet tal-Ewropej huwa oġġettiv komuni u responsabbiltà konġunta

Il-Kunsill

2.1. jistieden lill-Kummissjoni biex:

taħdem aktar fuq il-prijoritajiet stipulati fir-Rapport tal-2017 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE u tkompli bl-isforzi tagħha għall-promozzjoni taċ-ċittadinanza tal-UE u t-tneħħija tal-ostakli li jxekklu liċ-ċittadini milli jgawdu d-drittijiet tagħhom tal-UE, u b'mod partikolari biex:

- a) tkompli tappoġġa, tiżviluppa u tiżgura l-aħjar impatt possibbli tal-azzjonijiet ta' finanzjament tal-programmi³ li jippromwovu u jissensibilizzaw u jagħtu għarfien dwar id-drittijiet li ġejjin miċ-ċittadinanza tal-UE u tal-valuri li fuqhom hija msejsa;
- b) fl-2017-2018 qabel l-elezzjonijiet Ewropej tal-2019, twettaq kampanja ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni mal-UE kollha dwar id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE inkluż dwar drittijiet ta' protezzjoni konsulari u elettorali;
- c) tkompli tissorvelja u tivvaluta jekk hemmx bżonn ta' azzjoni fil-livell tal-UE biex tipproteġi u tippromwovi aktar id-drittijiet li ġejjin miċ-ċittadinanza tal-UE u l-valuri li fuqhom hija msejsa;
- d) tintensifika d-Djalogi taċ-Ċittadini u tħeġġeġ id-dibattiti pubbliċi, bl-aktar involviment possibbli ta' kelliema nazzjonali, reġjonali u lokali, biex l-għarfien pubbliku tal-impatt tal-UE fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini jinkiseb faċilment u jittejjeb;

³ Inkluż il-Programm tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza u l-Programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini".

- e) tippromwovi u ssaħħaħ il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika, inkluż bi:
- i) il-promozzjoni tal-aħjar prattiki implimentati fl-Istati Membri biex jgħinu liċ-ċittadini jivvutaw jew joħorġu għall-elezzjonijiet tal-UE u tikkunsidra l-iżvilupp ta' formola standard multilingwi biex tiffaċilita l-iskambju rapidu ta' informazzjoni bejn il-punti ta' kuntatt magħżula mill-Istati Membri dwar id-drittijiet taċ-ċittadini biex joħorġu bħala kandidati meta jkunu residenti fi Stat Membru ieħor, kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 93/109/KE (kif emendata mid-Direttiva 2013/1/UE);
 - ii) bl-aċċess transkonfinali għal aħbarijiet politiċi,
 - iii) b'miżuri speċifiċi li jħajru l-parteċipazzjoni, fost l-oħrajn ta' gruppi ta' votanti li mhumie x rappreżentati biżżejjed bħal pereżempju daw k li ser jivvutaw għall-ewwel darba u n-nisa;
- f) rapidament tislet l-aħħar konklużjonijiet mill-proċess ta' rieżami wiesa' tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropew li segwa l-ewwel Rapport ta' implimentazzjoni u tippreżenta proposti bil-għan li tittejjeb l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ECI) u jissaħħaħ l-użu faċli tal-ECI, kemm b' miżuri prattiċi u legali, speċjalment rigward dispożizzjonijiet tekniċi, pereżempju skedi ta' żmien, b'kont meħud tal-kontributi mill-istituzzjonijiet, l-Istati Membri u s-soċjetà ċivili. L-istatus u l-progress rigward l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej għandha tiġi riflessa fir-rapport taċ-ċittadinanza li jmiss;
- g) timxi fuq l-eżempju tajjeb tar-Rapport tal-2017 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE u tippubblika d-dokumenti tiegħu fil-lingwi uffiċjali kollha biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jaqraw dawn id-dokumenti f'isien pajjiżhom fl-UE kollha;
- h) tkompli bl-isforzi tagħha biex tiżgura li r-regoli tad-dritt ċivili eżistenti jiffunzjonaw aħjar speċjalment rigward:
- i) is-suċċessjonijiet internazzjonali billi tkompli bis-sensibilizzazzjoni dwar l-applikazzjoni effiċjenti u korretta tar-regoli tal-Unjoni dwar is-suċċessjonijiet,

- ii) tħeġġeġ lil stati terzi biex jaderixxu għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri u jimplementawha b'mod effettiv;
- i) trawwem l-inklużjoni soċjali u l-mobbiltà taż-żgħażaġh fl-Ewropa kollha permezz tal-iżvilupp, il-promozzjoni u t-tisħiħ ta' programmi bħal Erasmus+ u s-Servizz Volontarju Ewropew;
- j) trawwem l-iżvilupp professjonali tal-ġhalliema, fost l-oħrajn permezz tal-promozzjoni ta' pjattaformi online għall-iskambju ta' Prattiki tajba u bl-iżvilupp ta' proġetti transfruntieri konġunti fost il-pari ("Portal Edukazzjoni tal-Iskola", "Akkademja tal-Ġhalliema", "Ewropa Edukazzjoni Miftuħa", Ġemellaġġ elettroniku);
- k) tiffaċilita aktar l-interoperabbiltà u tippromwovi l-ivvjaġġar multimodali mal-UE kollha sabiex, permezz ta' titjib fl-interoperabbiltà u l-kompatibbiltà tas-sistemi u s-servizzi, u billi tippromwovi l-aċċess ta' partijiet terzi għall-ħruġ tal-biljetti, tagħmel il-mobbiltà taċ-ċittadini tal-UE aktar effiċjenti u aktar faċli li tintuża, anke għall-persuni b' mobbiltà mnaqqsa;
- l) issaħħaħ is-sigurtà taċ-ċittadini billi tkompli tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà u, fejn meħtieġ, ittejjeb is-sigurtà tad-dokumenti tal-identità, tar-residenza u tal-ivvjaġġar;
- m) tkompli tissorvelja s-sitwazzjoni biex tiżgura li r-regoli tal-UE, b'mod partikolari d-Direttiva tal-2012 dwar id-Drittijiet tal-Vittmi u d-Direttiva tal-2011 kontra t-Traffikar jiġu implimentati b'mod korrett sabiex il-vittmi jkunu jistgħu jiddependu kompletament fuq id-drittijiet tagħhom fil-prattika;
- n) tippreżenta l-inizjattiva għall-indirizzar tal-isfidi tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja għall-familji ħaddiema inklużi fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, kif imħabbar fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni, u tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;

- o) tippromwovi u tħeġġeġ liċ-ċittadini tal-UE biex jużaw l-għodod eżistenti biex jaċċessaw id-dokumenti tal-istituzzjonijiet tal-UE, (speċjalment ir-reġistri pubbliċi maħluqa skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001⁴);

2.2 jistieden lill-Istati Membri biex:

- a) jippromwovu ċ-ċittadinanza tal-UE u l-valuri u d-drittijiet marbuta magħha, filwaqt li jinvolvu kemm jista' jkun lis-soċjetà ċivili, u jappoġġaw liċ-ċittadini tal-UE fit-tgawdija ta' dawn id-drittijiet;
- b) qabel l-elezzjonijiet Ewropej tal-2019, jappoġġaw u jipparteċipaw fil-kampanja ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni mal-UE kollha dwar id-drittijiet ta' ċittadinanza tal-UE, inkluż dwar drittijiet ta' protezzjoni konsulari u elettorali;
- c) iżidu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess demokratiku tal-UE, pereżempju billi jinfurmawhom aħjar dwar id-drittijiet tagħhom li jivvutaw fl-elezzjonijiet lokali u Ewropej u billi jneħħu l-ostakli għall-parteċipazzjoni tagħhom;
- d) jaġixxu skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali u jirrispettaw il-limiti stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja meta jagħtu jew ineħħu ċ-ċittadinanza (li tfisser jagħtu jew ineħħu ċittadinanza tal-UE);
- e) jiżguraw traspożizzjoni korretta u f'waqtha tad-Direttiva dwar il-miżuri ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-protezzjoni konsulari għal ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni f'pajjiżi terzi⁵;

⁴ Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43–48.

⁵ Direttiva (UE) 2015/637 dwar il-miżuri ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-protezzjoni konsulari għal ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u li tħassar id-Deċiżjoni 95/553/KE, ĠU L 106, 24.4.2015, p 1-13.

- f) jgħinu aħjar liċ-ċittadini tal-UE li jħallu pajjiżhom billi jiżguraw li l-amministrazzjonijiet lokali jqisu r-reqwiziti simplifikati għall-preżentazzjoni ta' ċerti dokumenti pubbliċi⁶, bħal pereżempju permezz ta' preżentazzjoni online, u billi jaqtagħu l-burokrazija fil-liġi tal-familja bl-istabbiliment ta' miżuri meħtieġa li huma fl-aħjar interess tat-tfal;
- g) jappoġġaw lill-Kummissjoni fil-proposta tagħha li jiġi stabbilit portal diġitali uniku li ser jagħti aċċess għall-informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tas-suq uniku u li jiżgura li l-aktar proċeduri importanti għaċ-ċittadini u n-negozji jistgħu jitlestew online, anke minn utenti transfruntiera;
- h) itejbu r-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet u sentenzi f'materji ċivili u kriminali;
- i) jappoġġaw lill-Kummissjoni meta tkun qed tagħmel l-għodod disponibbli għaċ-ċittadini u l-prattikanti legali, bl-għan li jkun hemm sensibilizzazzjoni u faċilità fl-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, b'mod partikolari permezz tan-Netzwerk Gudzizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali;
- j) jeżaminaw it-tisħiħ tad-drittijiet tal-persuni, b'mod partikolari t-tfal, fi proċedimenti biex jiġi ffaċilitat l-infurzar ta' sentenzi fil-liġi tal-familja u f'materji ċivili u kummerċjali b'implikazzjonijiet transkonfinali⁷;
- k) b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jimplementaw il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2016-2018, speċjalment l-attivitajiet immirati lejn l-iżvilupp ta' ċittadinanza attiva u t-titjib tal-parteċipazzjoni aktar b'saħħitha ta' żgħażaġh kollha fil-ħajja ċivika u demokratika Ewropea⁸;

⁶ Regolament (UE) 2016/1191 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar il-promozzjoni tal-moviment liberu ta' ċittadini permezz tas-simplifikazzjoni tar-reqwiziti għall-preżentazzjoni ta' ċerti dokumenti pubbliċi fl-Unjoni Ewropea, ĠU L 200, 26.7.2016, p. 1–136.

⁷ Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17-18 ta' Marzu 2016 (EUCO 79/14).

⁸ Skont il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ għall-2018-2016, ĠU 2015/C 417/01.

- l) jippromwovu l-iżvilupp ta' ħiliet, edukazzjoni transfruntiera, taħriġ u esperjenzi ta' volontarjat⁹, u, permezz ta' għarfien aħjar u aktar trasparenza tal-ħiliet u l-kwalifiki, jikkontribwixxu fit-tneħħija ta' ostakli għal studenti, trainees, għalliema u ħaddiema oħra fl-UE kollha;
- m) b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni tad-data personali, jimplimentaw b'mod effettiv l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015–2020¹⁰;
- n) iwasslu messaġġ aktar qawwi ta' tolleranza żero fir-rigward tal-vjolenza kontra n-nisa¹¹ fil-forom kollha tagħha, u jsegwu l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex l-2017 tkun iddedikata għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa;
- o) iwettqu l-obbligi u l-impenn tagħhom fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq kwalunkwe raġuni bħal per eżempju s-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twelmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, is-sħubija f'minoranza nazzjonali, il-proprjeta', it-twelid, id-diżabilità, l-età u l-orjentazzjoni sesswali;
- a) jittieħdu aktar passi sabiex, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, titjieb l-inklużjoni u l-integrazzjoni ekonomika u soċjali tar-Rom fl-UE¹².

⁹ F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-investiment fiż-żgħażaġh tal-Ewropa b'attenzjoni partikolari għall-Korp Ewropew ta' Solidarjeta' (Dok. 5860/17).

¹⁰ Dok. 9798/15.

¹¹ F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fl-2010 (dwar l-eradikazzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa fl-Unjoni Ewropea u dwar it-titjib tal-prevenzjoni biex tiġi ttrattata l-vjolenza fuq in-nisa u l-kura għall-vittmi tagħha fl-ambitu tal-infurzar tal-liġi) u 2014 (Dok. 9543/2014).

¹² F'bidma fi ħdan il-Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom sal-2020 (ĠU C 258, 2.9.2011, p. 6) u f'konformità mal-impenji li saru fil-livell tal-UE, fosthom, l-aktar reċenti, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill adottata fl-2013 (ĠU C 378, 24.12.2013, p. 1) u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fl-2016 (Dok. 15406/16).